# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2001

## Avviz numru : 15/2001GT(GM)

**Emanuel Cini**

**-vs-**

**Mario u Victoria konjugi Tabone**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti biex:**

**Thallsu lill-attur is-somma ta' mija u wiehed liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm101.85) dovuti mill-konvenuti bhala bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta' tikhil, tibjid, brix u tqeghid ta' madum fil-'Flat' propjeta tal-konvenuti f'Marsalforn.**

**Bl-imghax skond il-Ligi u bl-ispejjez tal-prezenti procedura u taz-zewg Ittri Interpellatorji.**

**Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa:**

1. **In linea preliminari, l-ecipjenti m'humiex il-propjetarji ta' fejn allegatament saru x-xogholijiet mill-attur, liema fond huwa propjeta' ta' iben l-eccipjenti u cioe' Frank Joseph Tabone, u ghaldaqstant m'humiex il-legittimi kontradditturi u ghandhom jigi liberati mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fil-meritu l-attur gie mhallas tal-appalt li sar minnu u ma huwa dovut lilu ebda bilanc ta' hlas kif qed jippretendi l-istess attur;**

3. **Illi l-prezz tal-appalt mitlub mill-attur huwa wiehed eccessiv tenut kont tan-natura tax-xoghol li sar u tal-ghajnuna fix-xoghol li giet moghtija lilu mill-eccipjenti;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' d-depozizzjonijiet guramentati tal-attur, ta' martu u tal-konvenut kif ukoll id-Dokumenti esebiti;**

**Ikkunsidra:**

**Illi ghalkemm jirrizulta li l-Flat fejn sar l-appalt huwa propjeta' ta' bin il-konvenuti, l-inkarigu gie moghti lill-attur mill-konvenuti li ghalkemm ipproducew il-kopja tal-kuntratt ma resqu ebda prova li l-inkarigu li taw lill-attur kien *nomine* u mhux *proprio* u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi rispinta;**

**Illi skond l-attur, ma sar l-ebda ftehim specifiku, la li x-xoghol isir bil-gurnata u l-anqas bi stima, ghalkemm l-attur meta saret l-ordni tax-xoghol talab li jsir ftehim simili, filwaqt illi l-konvenut stqarr li ftehmu biz-zewg liri (Lm2) is-siegha l-Flat kollu. Skond Dok MT–1 esebit mill-istess konvenut, l-attur u l-haddiema tieghu ghamlu total ta' 190 siegha xoghol. Kalkolati bir-rata ta' zewg liri (LM2) is-siegha, jigu li l-prezz tal-appalt kellu jkun tlett mija u tmenin lira (Lm380). B'danakollu, il-konvenuti offrew li jhallsu hames mija u tmenin lira (Lm580) kif jirrizulta minn Dok.EC-2. L-istess konvenuti jikkontendu li din l-istima saret skond stima ta' Perit mahtur minnhom, ghalkemm kif saret din l-istima jew almenu redazzjoni miktuba taghha, ma gietx prodotta quddiem dan it-Tribunal.**

**Illi dawn il-kontradizzjonijiet lampanti u inesplikabbli da parti tal-konvenuti ma jistghux ighaddu inosservati, u jimminaw serjament il-kredibilta' taghhom.**

**Illi ghalhekk ma jirrizultax illi kien hemm ftehim dwar il-prezz tax-xoghol esegwit. Skond Artiklu 1624 tal-Kodici Civili, meta l-hlas ma jkunx iffissat bi ftehim, bil-konswetudni jew bil-Ligi, dan ghandu jigi ffissat mill-Qorti wara valutazzjoni minn esperti jew, anke minghajr tali valutazzjoni, skond ic-cirkostanzi, di piu' dan it-Tribunal huwa marbut bil-Ligi li kemm jista' jkun ma jahtarx esperti sabiex ma jkabbarx l-ispejjez u jtawwal il-proceduri inutilment f'kawzi zghar, b'dannu ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja retta u spedituza;**

**Illi fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal ma jhossx li huwa l-lok li jahtar esperti teknici;**

**Illi anke jekk wiehed jikkunsidra l-kontribut li ta l-konvenut ghax-xoghol tal-Flat, it-Tribunal ihoss li s-somma ta' sitt mija wiehed u tmenin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm681.85) ghal**

**xoghol ta' tikhil, tibjid, brix u tqeghid ta' madum f'appartament certament mhix xi somma esorbitanti jew oghla mill-prezzijiet korrenti fis-suq ghal dan il-generu ta' xoghol.**

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-talba tal-attur billi jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' mija u wiehed liri u hamsa u tmenin centezmu (Lm101.85) dovuti minnhom bhala bilanc minn somma akbar ta' xoghol ta' tikhil, tibjid, brix u tqeghid ta' madum bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sa dik tal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-prezenti procedura u ta' zewg Ittri Interpellatorji.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) M'Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**